

# Walter Hallstein: forza diplomatika li tat spinta għal integrazzjoni Ewropea rapida



Walter Hallstein 1901 - 1982

*Walter Hallstein kien l-ewwel President tal-Kummissjoni Ewropea mill-1958 sal-1967, Ewropew impenjat u proponent deċiżiv tal-integrazzjoni Ewropea.*

*Bħala President tal-Kummissjoni Ewropea, Hallstein ħadem favur realizzazzjoni rapida tas-Suq Komuni. L-entużjażmu enerġetiku u l-kapaċitajiet ta' perswazzjoni tiegħu mexxew il-kawża għal integrazzjoni anki wara l-perjodu tal-presidenza tiegħu. Matul il-mandat tiegħu, l-integrazzjoni mxiet 'il quddiem b'mod sinifikanti.*

*Dak li kien Segretarju tal-Istat fil-Ministeru tal-Affarijiet Barranin Ġermaniż oriġinarjament kiseb għarfien internazzjonali permezz tad-'Duttrina ta' Hallstein' tas-snin ħamsin, li sawret il-politika barranija Ġermaniża għal bosta snin u kellha fil-qalba tagħha r-rabta tad-demokrazija żagħżugħa mal-Ewropa tal-Punent.*

## Żgħożija u esperjenzi matul il-gwerra

Walter Hallstein twieled fis-17 ta' Novembru 1901, it-tifel ta' uffiċjal kontrollur tal-bini bi twemmin Protestant fil-Lbiċ tal-belt Ġermaniża, Mainz. Wara li ggradwa mill-iskola grammatika lokali, studja l-Liġi u x-Xjenza Politika f'Bonn, Berlin u Munich. Fl-1925 iggradwa u beda jaħdem bħala assistent ta' Professur fl-Università ta' Berlin. Fl-1927 sar eżaminatur fl-Università ta' Rostock fl-inħawi ta' fuq tal-Ġermanja, fejn fl-1929 ikkwalfika bħala lettur. Sena wara nħatar bħala President tal-liġi tal-Privat u l-Kumpaniji, pożizzjoni li żamm għall-għaxar snin ta' wara biex sar espert fil-qasam tiegħu, akkademiku rispettat u lettur tal-università magħruf fix-xena internazzjonali. Imbagħad sar Professur fl-Università ta' Frankfurt fejn iddaħħal bil-lieva bħala suldat mal-forzi armati Ġermaniżi fl-1942, minkejja l-ostilità tiegħu għan-Naziżmu. Wara l-invażjoni tal-Alleati tal-1944, Hallstein ittiegħed f'kamp għall-priġunieri tal-gwerra fl-Istati Uniti fejn waqqaf forma ta' università fil-kamp sabiex jgħalliem lill-priġunieri sħabu dwar il-liġi u d-drittijiet tagħhom.

Wara l-gwerra, inħatar bħala Viċi Kanċellier fl-Università ta' Frankfurt u fl-1948 ġie mistieden mill-Università ta' Georgetown bħala lettur viżitatur. Bħala wieħed mill-ewwel akkademiċi Ġermaniżi mistiedna f'università Amerikana, l-esperjenzi tiegħu fl-Amerika saħħew it-twemmin tiegħu li l-Ġermanja għandha tingħaqad fl-inizjattivi internazzjonali li għandhom l-għan li jsaħħu r-rabta bejn id-demokraziji wara t-Tieni Gwerra Dinjija. Għalih, is-sħubija f'alleanzi internazzjonali bħal fin-NU u n-NATO kienet fundamentali għall-Ġermanja biex terġa' tibda tinvolti ruħha fix-xena internazzjonali.

## Il-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar

Il-ħiliet diplomatiċi u l-għarfien eċċellenti ta' Hallstein dwar il-bżonn ta' għaqda Ewropea u l-għerf speċjalizzat u l-esperjenza

tiegħu fil-qasam, wasslu sabiex Konrad Adenauer, f'dak iż-żmien Kanċillier tal-Ġermanja, fl-1950 jaħtru bħala kap tad-delegazzjoni li tmexxi n-negozjati fil-Konferenza Schuman dwar it-twaqqif tal-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar. Matul dan iż-żmien, ħadem mill-qrib ma' Jean Monnet, kollega Franċiż li kellu l-istess rwol tiegħu. It-tnejn li huma malajr intebħu li kellhom l-istess twemmin fundamentali dwar il-bżonn ta' integrazzjoni Ewropea biex l-Ewropa terġa' timxi 'l quddiem.

Fl-1951, Adenauer ħatar lil Hallstein bħala Segretarju tal-Istat fl-Uffiċċju Federali tal-Affarijiet Barranin fejn ma kienx biss involut fit-twaqqif tal-KEFA, iżda anki f'tentattiv li tinħoloq Komunità Ewropea għad-Difiża sabiex jingħaqdu l-politiki dwar il-baġit, il-forzi u l-armi tal-pajjiżi tal-Ewropa tal-Punent. Huwa kien ukoll involut fin-negozjati mal-Iżrael dwar f'ħlas bħala kumpens għad-danni lil-Lhud u kellu rwol importanti fl-istrateġija tar-relazzjonijiet barranin tal-Ġermanja. Dik li iktar tard saret magħrufa bħala l-'Politika ta' Hallstein' tal-1955 kienet ftehim politiku strett li l-Ġermanja tal-Punent ma tidhōl fl-ebda relazzjoni diplomatika ma' stati li jirrikonoxxu lill-Ġermanja tal-Lvant (DDR).

## Il-Komunità Ekonomika Ewropea

Għal Hallstein, il-falliment tal-ħolqien tal-Komunità Ewropea għad-Difiża fl-1954 kienet ta' theddida kbira ħafna u reali għas-sigurtà tal-Ġermanja u tal-Ewropa tal-Punent peress li kien ikun iktar faċli għall-Unjoni Sovjetika li testendi l-influenza tagħha f'Ewropa mifruda. Dan wasslu sabiex jiffoka l-enerġiji tiegħu fuq proċess ta' integrazzjoni ekonomika milli fuq dik politika. Konsegwentement, sar proponent konvint tal-unità Ewropea permezz tat-twaqqif tal-Komunità Ekonomika Ewropea. L-ewwel passi lejn din l-integrazzjoni ekonomika li tippermetti lin-nies, lis-servizzi u lill-prodotti jaqsmu l-fruntieri mingħajr xkiel ittieħdu matul il-Konferenza ta' Messina fl-1955. Għad li fil-bidu Hallstein ried li din l-integrazzjoni tkun tkopri kollox u li tinkiseb malajr kemm jista' jkun, ir-realtajiet politiċi taż-żmien għenuh jifhem li għaqda gradwali tas-swieq tal-Istati Membri kienet tkun tal-aħjar benefiċċju għal kulħadd. Fl-1958, daħal fis-seħħ it-Trattat ta' Ruma u Hallstein intgħażel bħala l-ewwel President tal-Kummissjoni tal-Komunità Ekonomika Ewropea.

## Presidenza tal-Kummissjoni

Għad li sa dak iż-żmien Hallstein kien intebaħ li integrazzjoni ma kinitx sejra ssir realtà malajr daqs kemm xtaq, bħala President tal-Kummissjoni sar forza xprunatriċi wara l-proċess ta' integrazzjoni veloċi li segwa wara. Pereżempju, matul il-mandat tiegħu, 'l hekk imsejjaħ 'perjodu ta' Hallstein', beda l-konsolidazzjoni tal-liġi Ewropea li eventwalment ħalliet impatt kbir fuq il-leġiżlazzjoni nazzjonali. Bħala proponent ta' Ewropa federali b'Kummissjoni u b'Parlament b'saħħithom (sabiex jiġi evitat milli l-Unjoni tiegħu rwol sekondarju wara l-gvernijiet nazzjonali), huwa ċar li kellu skop wieħed għall-Komunità Ewropea: il-viżjoni ta' Ewropa magħquda kif stabbilit fid-Dikjarazzjoni ta' Schuman tad-9 ta' Mejju 1950. Madankollu, f'dan iż-żmien, il-President Franċiż De Gaulle kien jemmen mod ieħor: filwaqt li Hallstein ħaseb li l-Ewropa kellha timxi lejn federazzjoni, jiġifieri l-għoti ta' parti kbira mill-kapaċitajiet u s-setgħat nazzjonali lill-Unjoni, De Gaulle kien jemmen li l-Ewropa għandha tiegħu triq iktar konfederata, u ssir 'Ewropa tal-Istati', b'iktar setgħat jitħallew f'idejn l-Istati Membri. L-akkumulazzjoni ta' differenzi bejn il-gvern Franċiż u l-Istati Membri l-oħrajn fuq għadd ta' kwistjonijiet



Hallstein bħala President tal-Kummissjoni Ewropea jitkellem fil-Pajjiżi l-Baxxi fl-1965.

li għandhom x'jaqsmu ma' din id-differenza fundamentali ta' fehmiet, wassli għall-'Kriżi tas-Siġġu Vojt' fl-1965, meta Franza rtirat lir-rappreżentanti kollha tagħha mill-istituzzjonijiet Ewropej għal fteit żmien, sakemm intlaħaq kompromess.

Mingħajr l-entużjażmu enerġetiku, il-ħiliet ta' negozjar diplomatiku u s-setgħat ta' perswazzjoni b'saħħithom ta' Hallstein, ir-rata mgħaġġla ta' integrazzjoni Ewropea li dehret matul il-mandat tiegħu ma kinitx tkun possibbli.